MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 436/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Trevor Micallef)**
**Vs**
**Jonathan Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar it-3 ta’ Mejju, 2009, ghall-habta tal-hdax neqsin ghaxar minuti ta’ filghaxija (22.50 hrs) gewwa Triq San Gorg, San Giljan, hebb kontra l-persuna ta’ Sacha Mattia Schembri u kkagunalu offiza ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Anthony Buttigieg MD mill-isptar Saint James.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 221(3)(b) tal-Kap. 9, sabet lill-

appellant hati u kkundannatu ghall-piena ta’ detenzjoni ghall-perjodu ta’ hmistax (15)-il gurnata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella w tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull akkuza w piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi skond principju tal-ligi kriminali l-appellant huwa prezunt innocenti sakemm il-kuntrarju jigi ppruvat;
Illi huwa ben saput li min jallega jrid jipprova w ghaldaqstant hija l-prosekuzzjoni li ghandha ggib il-provi li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex il-Qorti, wara li tkun ezaminat tali provi, tkun tista’ tasal ghal decizjoni;
Illi meta persuna tkun akkuzata quddiem il-Qorti Kriminali din tista’ biss tigi misjuba hatja jekk il-provi li jingabu kontriha jkunu tali illi jwasslu ghall-konkluzzjoni li tmur lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-persuna tkun ikkommettiet ir-reat li bih tkun qed tigi akkuzata;
Illi kwalunkwe dubju jopera a favur tal-akkuzat;
Illi gew moghtija verzjonijiet differenti tal-fatti kif graw dak inhar tal-incident minn kull xhud prodott mill-prosekuzzjoni fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2009, filwaqt li l-evidenza tax-xhieda prodotta mid-difiza kienet konsistenti;
Illi fix-xhieda ta’ Sacha Mattia Schembri huwa beda jiddeskrivi dak li gara fl-incident li kien sehh gewwa Paceville nhar it-3 ta’ Mejju, 2009 fejn xehed illi l-appellant mar fuqu minn wara u hadlu l-mobile minn idejh. Hu kompla jghid illi l-istess appellant tah daqqa ta’ ponn b’rizultat li hu waqa’ mal-art u kif kien mal-art l-appellant tah diversi daqqiet fuq il-pexxul igifieri fuq wara tas-sieq;
Illi t-tieni xhud prodott mill-prosekuzzjoni, li jigi hu Sacha Mattia Schembri, xehed li meta Sacha Mattia Schembri kien mixhut mal-art dan kien qieghed “fetal position”;
Illi ghaldaqstant skond l-appellant jekk Sacha Mattia Schembri kien qieghed “fetal position”, l-appellant seta’

jaghti xi daqqiet fuq il-genb tas-sieq, jew f'xi parti ohra minn siequ pero' zgur li qatt ma seta' jaghti daqqiet fuq il-pexxul ta' Sacha Mattia Schembri u dan stante l-posizzjoni li l-parte civile kien jinsab fija;

Illi t-tielet xhud prodott mill-prosekuzzjoni qalet fix-xhieda taghha li Sacha Mattia Schembri qala specifikament zewg daqqiet biss fuq il-pexxul u dana a contrario ta' dak li qalu l-parte civile u huh u cioe' li qala' diversi daqqiet u mhux tnejn biss;

Illi r-raba' w l-ahhar xhud prodott mill-prosekuzzjoni qalet li hekk kif l-appellant ha il-mobile minn id Sacha Mattia Schembri, istintivament dan dar lejn l-appellant. Fl-istess waqt hi xehdet illi l-appellant ta daqqa ta' ponn lil Sacha Mattia Schembri minn naha ta' wara. Jidher li ma hemmx konsistenza f'dak li jinghad minn din ix-xhud u dan stante li jekk Sacha Mattia Schembri kien qieghed ihares lejn l-appelant, l-appellant ma seta qatt jaghtih daqqa minn wara izda fit-tali kaz id-daqqa setghet tkun biss minn quddiem;

Illi mix-xhieda moghtija, l-feriti li garrab Sacha Mattia Schembri ma jikkorrispondux mac-certifikat mediku ta' Dr. Anthony Buttigieg MD li gie esebit, u dan stante li fic-certifikat mediku ma nstabet ebda evidenza tad-daqqa ta' ponn li gie insinwat li qala' l-parte civile;

Illi inoltre t-tabib fuq imsemmi qatt ma gie imharrek bhala xhud sabiex jikkonferma dan ic-certifikat mediku li gie esebit u ghaldaqstant l-avukat difensur qatt ma kellu c-cans li jaghmel il-kontro ezami lit-tabib kif inhi l-procedura tal-Qorti f'kazijiet kriminali;

Illi fi proceduri gudizzjarji ta' natura kriminali l-prosekuzzjoni ghandha ggib quddiem il-Qorti l-ahjar prova possibbli. Dan il-principju ma giex segwit mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz peress illi l-ahjar prova possibbli kellha tkun l-evidenza tat-tabib liema evidenza qatt ma ngabet. Ghaldaqstant m'hemmx ic-certezza rikjesta mill-ligi dwar l-ezistenza tal-feriti indikati fl-incident allegat peress li tali certezza setghet biss tkun korroborata bl-evidenza tat-tabib li hareg it-tali certifikat;

Illi ghaldaqstant kien hemm konflitt fl-evidenza, fejn jidher car li l-evidenza moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienitx konsistenti u skond principji tal-ligi kriminali tali konflitt ghandu jopera favur l-appellant, ghaldaqstant ma

kienx hemm il-grad ta' certezza li hi rikjesta mill-ligi sabiex l-akkuzat ikun jista' jinstab hati;
Illi inoltre x-xhieda prodotta mid-difiza kienet konsistenti meta rrakkuntaw il-fatti kif graw, fejn intqal illi meta l-appellant ha l-mobile minn id Sacha Mattia Schembri tlett guvintur, hbieb ta' Sacha Mattia Schembri, dahru lill-appellant minn wara w qabzu fuq dahru pero' l-appellant irnexxilu inehhihom minn fuq dahru u baqa' sejjer direttament ghand l-Ufficjali tal-Pulizija, sabiex jikkonsenjalhom il-mobile in kwistjoni;
Illi inoltre x-xhieda prodotta mid-difiza kompliet tghid illi l-appellant kellu l-mobile f'idejh il-leminija, b'liema id hu gie allegat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li ta daqqa ta' ponn lil Sacha Mattia Schembri. Ghaldaqstant skond l-appellant peress li l-appellant kellu l-mobile f'idu l-leminija, dan ma seta' qatt jaghti daqqa ta' ponn lil Sacha Mattia Schembri b'din l-id minghajr ma ssir ebda hsara lill-mobile;
Illi ghar-raguni fuq imsemmija l-provi migjuba ma kienux tali li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghaldaqstant ma kienux sufficjenti sabiex tigi ppruvata l-htija tal-appellant;
Illi kif diga' ntqal ix-xhieda prezentata mill-prosekuzzjoni tat verzjonijiet varji liema varjazzjoni holqot kunflitt fl-evidenza u ghaldatant ma setax ikun hemm certezza fuq il-fatti kif graw. Filwaqt li x-xhieda prezentata mid-difiza kienet konsistenti fil-verzjoni taghha tal-fatti u tali konsistenza wasslet sabiex ikun hemm stampa cara ta' x'gara dak inhar tal-incident;
Illi f'sitwazzjonijiet analogi ghal dan l-incident il-Pulizija ghandha d-dover li tiehu azzjoni u tipprocedi *ex officio* kontra kwalunkwe persuna li tikkommetti tali reat minghajr il-bzonn tal-kwerela tal-parte civile. Huwa interessanti li wiehed jinnota li l-proceduri prezenti, minkejja li saru ftit passi l-boghod mill-Pulizija, gew immexxija fuq il-kwerela tal-parte civile u mhux mill-Pulizija *ex officio*.

Ikkonsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-3 ta' Mejju 2009 ghal habta ta' 22.15 hrs gewwa Triq San Gorg, San Giljan, Sasha Mattia Schembri kellu ncident ma' l-appellant u Schembri spicca b'offizi ta' natura hafifa skond certifikat mill-isptar St.

James. Sasha Mattia Schembri xhed illi dak il-lejl kienu Paceville u sejrin lura d-dar u mar ikellem lil xi hadd vicin grupp ta’ Pulizija. Dawn bdew ‘man handling’ lil xi hadd. Schembri hareg il-mobile biex jigbed ix-xena. F’daqqa wahda gie xi hadd minn warajh u hadlu l-mobile. Meta Schembri talbulu lura din il-persuna aggredietu billi tatu daqqa ta’ harta u tefatu ma’ l-art. Waqt li kien fl-art tatu bis-sieq. Mar hdejn il-Pulizija li qalulu biex immur l-ghassa. Ghamel hekk u l-ghassa kien hemm il-mobile phone tieghu. Il-Pulizija qalulu biex ihassar il-video. Schembri ghamel hekk u l-mobile hadu lura. Gharaf l-appellant bhala l-persuna illi aggredietu. Fil-video kellu filmat ta’ Pulizija jaghti daqqa ta’ harta lil wiehed Afrikan. Fl-atti tal-process gie esebit certifikat mediku illi ikkonferma illi l-ferita illi garrab Schembri kienet ikkompatibli ma’ daqqa ta’ sieq. Din il-verzjoni hija korroborata minn David Schembri, hu Sacha Mattia fejn ra lil l-appellant jigi wara huh, johodlu l-mobile, jimbotta lil huh ma’ l-art u waqt li kien f’dik il-pozizzjoni l-appellant beda jtih bis-sieq. Il-Pulizija arrestaw lil huh, hadulu l-mobile u hassru l-video. L-istess qalet habiba taghhom Nadia Vidic illi rat lil l-appellant jigi minn wara Sacha Mattia, johodlu l-mobile, jimmbuttah u jghatih bis-sieq hekk kif ikun fl-art.

L-appellant, min naha l-ohra jghid illi huwa kien xoghol in-night club bl-isem ta’ Brown’s u ra lil Pulizija qeghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom u kien hemm zghazugh beda jigbed ix-xena bil-mobile. L-appellant jghid illi ma hamilx, mar fuqu z-zghazugh u hadlu l-mobile u kien sejjer itih lil Pulizija. Mhux veru li tah bil-harta jew bis-sieq. Xehed illi r-responsabilita tieghu ghas-sigurta qeghda fuq gewwa tan-night club biss u mhux fit-triq. Beza’ illi x-xena fuq il-mobile tigi interpretata hazin u ghalhekk intervena biex jiehu l-mobile u jtih lil Pulizija. Innega illi l-guvnott ghamillu xi haga pero illi lanqas aggredih.

Rebecca Geres illi kinet fl-inhawi u habiba ta’ l-appellant, qalet illi kienet taf il-persuni kollha nvoluti u rat lil Jonathan l-appellant imur fuq persuna u johodlu xi haga minn idejh, m’gharfitx l-oggett x’kien. Il-hbieb tal-guvnott qabzu fuq l-appellant sabiex jiehdu l-oggett lura izda l-appellant ma

irreagixxietx u baqa miexi lejn il-Pulizija u ta l-oggett lil Pulizija.

Mario Barbara jahdem f'night club Plush, faccata ta' fejn jahdem l-appellant. Dak il-hin kien barra fil-bieb u ra lil xi hadd fuq dahar l-appellant u qasam it-triq, mar hdejh biex inehhi l-guvnott minn fuq dahru. Ma rax lil Jonathan jghati daqqiet ta' harta lil xi hadd.

Ikkunsidrat:

Minn dawn ir-rizultanzi proceswali id-difiza qeghda tilmenta illi l-ewwel sentenza ma kellhiex issib htija fil-konfront ta' l-appellant peress jidher li hemm konflitt fix-xhieda u ma giex ipprovat minghajr dubju ddettat mir-raguni illi kien l-appellant illi effetivament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-parti leza Sasha Mattia Schembri. Argumentat illi l-Pulizija ma ngabux biex jixdhu f'din il-kawza u staqsa il'ghaliex ma hadux passi kontra l-appellant.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza "Pulizija vs Joseph Thorn" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx (ara ukoll 'Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino' 19 t' Ottubru 2006)."

Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u bhal l-ewwel Qorti tasal ghal konkluzzjoni illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma aktar kredibbli. Aktar u aktar meta hemm esebit certifikat mediku illi jikkonferma illi Sacha Mattia Schembri kellu

ferita kompatibli ma' daqqa ta' sieq. Din il-Qorti taghmel l-istess osservazzjoni bhal ma ghamlet l-ewwel Qorti illi l-appellant ma kellu l-ebda dritt jindahal f'gurisdizzjoni li taghha huwa ma kellux kompetenza. Ix-xoghol tieghu kien limitat ghal ordni gon-night club u mhux fit-triq u jekk kien hemm xi hadd li kien qed jaghmel xi illegalita fit-triq ma kinitx responsabbilta tieghu izda tal-Pulizija. Izda f'dan il-kaz, Sacha Mattia Schembri ma kienx qed jaghmel l-ebda illegalita. Jekk dehrlu li kellu jigbed xi xena fit-triq pubblika, involut min kien involut, dan kellu kull dritt illi jaghmlu minghajr tfixxkil jew indhil minn persuni illi ma kellhomx awtorizazzjoni jaghmel dan.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell li ma tirrimprazzjax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghal konkluzzjoni illi l-ewwel Qorti setghet regunevalment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi ddisturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti, jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak li jkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14 ta' Gunju 1999, Republika vs Elenos Ivelino Bezzina 24 t'April 2003 u ohrajn). F'dan il-kaz, il-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi. U ghalhekk, anke hawn, mhux il-kaz illi din tigi varjata. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------